



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A9-0028/2024**

2.2.2024

# **RAPPORT**

dwar it-talba għat-tnejhija tal-immunità ta' Georgios Kyrtos  
(2023/2185( IMM))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Angel Dzhambazki

**WERREJ**

**Paġna**

PROPOSTA GĦAL DEĊIJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	3
ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPOREUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM .....	6
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	7

## PROPOSTA GĦAL DEĊIJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

### dwar it-talba għat-tnejħija tal-immunità ta' Georgios Kyrtos (2023/2185(IMM))

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra t-talba għat-tnejħija tal-immunità ta' Georgios Kyrtos mill-Prosekurur Pubbliku fil-Qorti tal-Prim'Istanza ta' Ateni b'rabta mal-proċedimenti kriminali, trażmessha mill-Viċi Prosekurur tal-Qorti Suprema tal-Greċja permezz ta' ittra datata s-27 ta' Ġunju 2023 u mħabbra fil-plenarja fl-10 ta' Lulju 2023,
  - wara li sema' lil Georgios Kyrtos, f'konformità mal-Artikolu 9(6) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, tal-20 ta' Settembru 1976,
  - wara li kkunsidra s-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-21 ta' Ottubru 2008, fid-19 ta' Marzu 2010, fis-6 ta' Settembru 2011, fis-17 ta' Jannar 2013 u fid-19 ta' Diċembru 2019<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 62 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Ellenika,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 5(2), l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 9 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A9-0028/2024),
- A. billi l-Prosekurur tal-Qorti tal-Prim' Istanza ta' Ateni talab it-tnejħija tal-immunità ta' Georgios Kyrtos, Membru tal-Parlament Ewropew elett għall-Greċja, b'rabta mal-proċedimenti kriminali li għandhom jitressqu kontrih għan-nuqqas ta' ħlas ta' ċertu ammont dovut lill-Istat Grieg;
- B. billi Georgios Kyrtos, fil-kapaċită tiegħu bħala viċi direttur tal-kumpanija KMP Ekdotiki Anonimi Etaireia [KMP Publishing plc], huwa akkużat li naqas milli jħallas ċertu ammont dovut lill-Istat Grieg;
- C. billi l-att allegatament imwettaq minn Georgios Kyrtos jikkostitwixxi reat ta' nuqqas ta' ħlas ta' djun lill-Istat skont l-Artikolu 25(1)(b) tal-Liġi Griega Nru 1882/90, kif sostitwit bl-Artikolu 23(1) tal-Liġi Griega 2523/97, kif emendata bl-Artikolu 18(2) u 28 (2-4) tal-Liġi Griega Nru 2948/01, kif issupplimentata bl-Artikolu 34 tal-Liġi Griega Nru 3016/02, bl-Artikolu 34(1) tal-Liġi Griega Nru 3220/04 u bl-Artikolu 3(1) tal-Liġi

---

<sup>1</sup> Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Ottubru 2008, *Marra vs De Gregorio u Clemente*, C 200/07 u C-201/07, ECLI:EU:C:2008:579; Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Marzu 2010, *Gollnisch vs il-Parlament*, T-42/06, ECLI:EU:T:2010:102; Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2011, *Patriciello*, C-163/10, ECLI:EU:C:2011:543; Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Jannar 2013, *Gollnisch vs il-Parlament*, T-346/11 u T-347/11, ECLI:EU:T:2013:23; Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Diċembru 2019, *Junqueras Vies*, C-502/19, ECLI:EU:C:2019:1115.

Griega Nru 3943/11, kif sostitwita bl-Artikolu 20 tal-Liġi Griega Nru 4321/15, kif emendata bl-Artikolu 71(2) tal-Liġi Griega Nru 4174/13, li ġiet miżjudha mal-Artikolu 8 tal-Liġi Griega Nru 4337/15 u kif issupplimentata bl-Artikolu 469 tal-Liġi Griega Nru 4619/19;

- D. billi l-għan tal-immunità parlamentari huwa li tipproteġi lill-Parlament u lill-Membri tiegħu minn proċedimenti ġudizzjarji relatati ma' attivitajiet imwettqa fil-qadi tad-dmirijiet parlamentari u li huma inseparabbi minn dawn l-attivitajiet; billi huwa ċar li l-allegat reat ma għandu l-ebda rabta diretta mal-attivitajiet ta' Georgios Kyrtos bħala Membru tal-Parlament Ewropew, iżda minflok jirrigwarda l-pożizzjoni tiegħu bħala maniġer tal-kumpanija tal-gazzetti tiegħu;
  - E. billi r-reat allegat ma jikkostitwixxi l-ebda opinjoni expressa jew vot mitfugħ fil-qadi tad-dmirijiet ta' Georgios Kyrtos bħala Membru tal-Parlament Ewropew fit-tifsira tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea;
  - F. billi f'konformità mal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, il-Membri tal-Parlament Ewropew għandhom igawdu, fit-territorju tal-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lill-Membri tal-parlament tagħhom, u fit-territorju ta' kull Stat Membru ieħor, l-immunità minn kull tip ta' detenżjoni jew proċeduri legali; billi l-immunità ma tistax tintalab meta Membru jinqabad fil-fatt ta' reat u ma tippreklidix lill-Parlament Ewropew milli jeżerċita d-dritt tiegħu li jirrinunzja għall-immunità ta' xi wieħed mill-Membri tiegħu;
  - G. billi l-Artikolu 62 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Ellenika jistipula li, matul il-mandat parlamentari tagħhom, il-membri tal-parlament ma jistgħux jiġu akkużati, arrestati, mix-ħuta l-ħabs jew ristretti bi kwalunkwe mod ieħor mingħajr permess minn qabel mogħti mill-parlament;
  - H. billi f'dan il-każ, il-Parlament ma sab l-ebda evidenza ta' *fumus persecutionis*, li tfisser elementi fattwali li jindikaw li l-investigazzjoni ġudizzjarja inkwistjoni kienet mibdija bl-intenzjoni li ssir ħsara lill-attività politika tal-Membru fil-kapaċità tiegħu bħala Membru tal-Parlament Ewropew;
  - I. billi huwa l-Parlament waħdu li jiddeċiedi, f'każ partikolari, jekk ineħħix l-immunità jew le; billi l-Parlament jista' b'mod raġonevoli jqis il-pożizzjoni tal-Membru meta jiddeċiedi jekk ineħħix jew le l-immunità ta' tali Membru<sup>2</sup>; billi, waqt is-seduta ta' smiġħ tiegħu, Georgios Kyrtos iddikjara li ma kienx qed joġeżżjona għat-tnejħija tal-immunità parlamentari tiegħu;
  - J. billi, minn naħħa, il-Parlament ma jistax jitqies bħala qorti u, min-naħħa l-oħra, il-Membri ma jistax, fil-kuntest ta' proċedura għat-tnejħija tal-immunità, jitqies bħala “akkużat”<sup>3</sup>;
1. Jiddeċiedi li jneħħi l-immunità ta' Georgios Kyrtos;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbi tiegħu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Greċja u lil

<sup>2</sup> Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ottubru 2008, *Mote vs il-Parlament*, T-345/05, ECLI:EU:T:2008:440, paragrafu 28;

<sup>3</sup> Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' April 2019, *Briois vs il-Parlament*, T-214/18, ECLI:EU:T:2019:266.

Georgios Kyrtos.

**ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI  
LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Ir-rapporteur jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà eskużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	24.1.2024
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+ : 21 - : 0 0 : 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Pascal Arimont, Gunnar Beck, Ibán García Del Blanco, Virginie Joron, Pierre Karleskind, Sergey Lagodinsky, Gilles Lebreton, Sabrina Pignedoli, Jiří Pospišil, Franco Roberti, Raffaele Stancanelli, Adrián Vázquez Lázara, Axel Voss, Marion Walsmann
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jorge Buxadé Villalba, Pascal Durand, Angelika Niebler, Witold Pahl, Nacho Sánchez Amor, Jana Toom
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Benoît Biteau, Christian Ehler